MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru. 70/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
SIMON ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simon Zammit, ta’ 34 sena, bin Joseph u Adriana nee’ Grima, imwieled fil-1 ta’ Settembru 1967 il-Pieta’ u residenti Flat 3, Bini tal-Gvern Blokk N, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita’ numru 368967(M), u akkuzat talli nhar il-21 ta’ Dicembru 2001, ghal habta tal-erbgha ta’ filghodu gewwa Triq Santu Wistin u l-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura tal-ghamla Daewoo Espero, bin-numru tar-registrazzjoni JAP 961 u oggetti ohra, u dan ghad-dannu ta’ Simon Cassar, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500), imma teccedi l-hamsin lira

Maltin (Lm50), u dan ai terminu tal-Artiklu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-Ispettur Martin Sammut jghid li kien sar rapport minn certu Simon Cassar dwar hsarat fuq il-karozza tieghu JAP 961. Illi l-Ispettur Sammut xehed illi xi erbat ijiem qabel ir-rapport, kienet saret glieda bejn il-boucers tal-Fuego Bar u xi stranjeri, u fosthom kien wegga' Simon Cassar u Simon Zammit.

Spettur Sammut xehed illi Simon Cassar kien irraporta lill-Pulizija illi kien f'pozizzjoni li jaghraf l-aggressur tieghu u cioe' min ghamel il-hsara volontarja fuq il-karozza tieghu, u esebixxa stima tal-hsarat, dokument MS, valur ta' tnejn u disghin lira Maltin (Lm92).

Spettur Sammut investiga lill-imputat Zammit u hadlu stqarrija li fiha l-imputat Zammit jafferma l-glieda tal-Fuego Bar, izda jinnega kategorikament li hu ghamel xi hsara fuq xi karozza, anzi jghid illi hu kien gie msawwat.

Spettur Sammut jikkonferma illi l-Pulizija procedew kontra Simon Cassar u akkuzawh b'feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Simon Zammit.

PS 263 Harmsworth ikkonferma l-istqarrija dokument MS1 rilaxxata mill-imputat.

Simon Cassar meta gie prodott fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2002, a fol 29, ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu.

Hose’ Abela, a fol 33, iddikkjara ta’ min kienet il-karozza ndikata fic-citazzjoni, waqt li Paul Caligari, a fol 35 et seq, ikkonferma l-istima tal-hsarat.

Ikkunsidrat:-

Dan huma l-provi kollha li ngabru mill-Prosekuzzjoni. Illi fil-Kamp Kriminali, tali provi certament ma jilhqux il-livell probatorju li trid il-ligi, u cioe’ li l-akkuzi jigi pruvati ‘beyond reasonable doubt’. Dan il-livell certament ma ntlahaqx mill-Prosekuzzjoni, u dan qed jinghad minghajr ma jintefa’ xi dell fuq il-Prosekuzzjoni, izda minhabba illi kienet id-decizjoni tal-kwerelant Simon Cassar li ghazel li ma jixhidx halli ma jinkriminax ruhu fil-proceduri istitwiti quddiem Qorti ohra.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti m’ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------